**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 25 ta' Mejju 2001**

**Numru 24**

**Citaz. Nru. 1058/96 FDP**

**Il-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1999, l-isem tal-Korporazzjoni attrici ghandu jkun Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Guima Nasser u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1999 isem il-konvenut ghandu jaqra Giuma Nasser El-Miludi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi skond ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta, il-konvenut ghandu jaghti lill-attur *nomine* is-somma ta' elf hames mija u tlieta u disghin lira u disgha u erbghin centezmu (Lm1593.49) bhala prezz ta' servizz tat-telephone relattiv ghall-linja bin-numru 375519 u dan kif jidher mill-prospett esebit ma' din ic-citazzjoni;

Premess illi interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta' attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' Lm1593.49 dovuta minnu bhala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 375519 kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru 1996, fejn intlaqghet it-talba attrici fil-kontumacja tal-konvenut;

Rat, wara rikors ta' l-appell opportun, id-decizjoni moghtija fit-8 ta' Lulju 1998 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fejn giet dikjarata nulla l-imsemmija s-sentenza u dan peress illi l-isem li bih il-konvenut kellu jigi notifikat ma kienx korrett, ghaliex ghalkemm dan gie ndikat bhala Guima Nasser l-isem shih tieghu huwa Giuma Nasser El-Miludi, din l-Onorabbli Qorti konsegwentement irrinvjat l-atti tal-kawza lil dina l-Qorti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta’ l-istess konvenut Giuma Nasser El-Miludi fejn eccepixxa:-

1. Illi l-ammont pretiz ma kienx dovut minnu ghaliex fir-realta in-numru indikat fic-citazzjoni mhux fil-fatt in-numru tieghu u ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt;

U ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici ntavolat din il-kawza ghall-kundanna tal-konvenut ghall-prezz ta'

servizz ta' telefon ipprovdut lill-istess konvenut. Illi din il-kawza ilha tant pendenti anke peress li kien hemm appell mill-ewwel decizjoni ta' l-1 ta' Ottubru 1996 kif fuq imsemmi, peress illi rrizulta li l-isem tal-konvenut ma kienx korrett u kien inkomplet;

Illi skond l-*"Application for telephone Exchange Line Installation"*, datata 5 ta' Marzu 1991, u esebita mis-socjeta` attrici flimkien mac-citazzjoni originali jirrizulta li certu Giuma Nasser kien applika ghas-servizz ta' linja tat-telefon ghall-indirizz "L-Ankrott" Lourdes Lane, St George's Bay. Jirrizulta ukoll illi n-numru tat-telefon assenjat lilu kien 373836; skond il-prospett mahrug mis-socjeta' attrici li jinsab esebit a fol 6 tal-process, l-istess socjeta` hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' Lm1593.49 rapprezentanti pulses, kera tat-telefon kif ukoll *equipment* relattiv; dan l-ammont gie konfermat minn Saviour Farrugia, rapprezentant tas-socjeta` attrici fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu;

Illi l-konvenut eccepixxa illi n-numru indikat fic-citazzjoni cioe` 375519 ma kienx in-numru assenjat lilu. Fuq dan il-punt tela' jixhed il-PL Noel Scerri, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, fejn ikkonferma illi skond il-file li kellu quddiemu u li wera' lill-Qorti, fit-23 ta' Settembru 1993 kien inbidel in-numru tat-telefon originali, u cioe` in-numru 373836, li jidher fl-applikazzjoni originali ffirmata mill-konvenut, u gie sostitwit bin-numru 375519 cioe` in-numru indikat fic-citazzjoni;

Illi in sostenn ta' dan is-socjeta` attrici esebit ukoll ittra mibghuta lil-legali tal-konvenut u jigi rilevat illi in segwitu ghal dawn l-izviluppi fil-mori tal-kawza l-konvenut bl-ebda mod ma pprova jattakka din ix-xhieda ghalkemm harsa lejn id-diversi verbali finali ta' dan il-process malajr jindikaw kemm-il opportunita` inghatatlu biex ikun jista' jaghmel dan;

Illi mir-rizultanzi processwali l-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova sodisfacentement illi l-ammont minnha pretiz huwa dovut fuq is-servizz tat-telefon moghti fuq il-linja li kienet inghatat lill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-Talba Attrici u tikkundanna lill-konvenut Giuma Nasser El-Miludi ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf hames mija u tlieta u disghin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1593.49) bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni;

L-ispejjez jithallsu mill-istess konvenut hlief ghal dawk determinati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tat-8 ta' Lulju 1998.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur